**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 31 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 1437/01 AE**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Anne Louise Drew**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm443), bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuta.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuta (fol. 8) u li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti tirisjedi f'Ghawdex u l-bejgh sar f'Ghawdex.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta qatt ma xtrat jew ordnat xi xoghol minghand is-socjeta attrici, izda kien Nichola Ross Wearden Murphy illi ftiehem u xtara minghand is-socjeta attrici.

Ikkunsidra:

1. Illi din is-sentenza titratta l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta.

2. Illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuta naqset milli tidher ghas-seduti tal-14 ta' Dicembru 2001, 8 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

3. Illi l-konvenuta naqset milli tressaq provi sabiex tissostanzja l-ewwel eccezzjoni.

Ghaldqastant, it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**